

Brussell, 24 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

13852/25

CDR 79

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

---

1. Permezz ta' ittra tas-7 ta' Ottubru 2025<sup>1</sup>, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Peter HANKE, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

---

<sup>1</sup> 13771/25.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Peter HANKE, il-Gvern Awstrijak ippropona<sup>2</sup> lis-Sa Barbara NOVAK, rappreżentanta ta' korp reġjonali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Amtsführende Stadträtin von Wien* (Kunsillier Eżekuttiv tal-Belt tal-Gvern tal-Istat ta' Vjenna), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 13851/25, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

---

---

<sup>2</sup> 14047/25.